MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 251/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Maria Rozaria Grima (ID174872M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u disgha u disghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm799.36), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 2134 7819 skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A u B annessi mal-avviz;**
**Illi nterpellata sabiex thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u disgha u disghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm799.36) bl-imghax legali mill-21 ta' Frar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------